

31996D0611

L 271/31

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.10.1996

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-16 ta' Settembru 1996****fir-rigward tal-konklużjoni tar-riżultati tan-negożjati ma' ċerti pajjiżi terzi taħt l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT u kwistjonijiet oħra relatati (l-Arġentina)**

(96/611/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 113, flimkien ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Komunità daħlet fin-negożjati taħt l-Artikolu XXIV:6 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT);

Billi dawn in-negożjati irriżultaw fil-Ftehim ma' l-Arġentina;

Billi l-fażijiet illi fihom it-tariffi għandhom jitnaqqsu kif previst fil-Ftehim għandhom jiġu speċifikati;

Billi l-Komunità daħlet f'diskussjonijiet ma' l-Arġentina fir-rigward tar-reġim ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità taċ-ċereali;

Billi r-riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet huma dawk illi jinsabu fil-Ftehim fil-forma ta' l-iskambju ta' Ittri;

Billi huwa fl-interess tal-Komunità illi tapprova dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan il-Ftehim illi ġej qiegħed jiġi approvat f'isem il-Komunità;

— Ftehim għall-konklużjoni tan-negożjati bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika ta' l-Arġentina taħt l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT (L-ANNEX I),

— Skambju ta' ittri bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika ta' l-Arġentina fuq iċ-ċereali (L-ANNEX II).

It-testi tal-Ftehim imsemmijin f'dan l-Artikolu huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-fażijiet illi fihom it-tariffi għandhom jitnaqqsu kif previst f'dan il-Ftehim huma stabbiliti fl-Annex III.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill qiegħed jiġi hawnhekk awtorizzat illi jinnomina persuna illi jkollha s-setgħa tiffima l-Ftehim sabiex turbot lill-Komunità ⁽¹⁾.

Magħmul fi Brussel, 16 Settembru 1996.

*F'isem il-Kunsill**Il-President*

I. YATES

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ser jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.